MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2008

Talba Numru. 426/2008

**Anthony Caruana & Sons Limited**
**(C-7512)**

**Vs**

**Jesmond Sant u Rita Sant**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta` Mejju, 2008, fejn intalab li l-konvenuti ghandhom jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' tliet elef, erba` mija u tmienja u hamsin Euro u disgha centezmi (Euro3,458.09c), rapprezentanti in prezz ta` prodotti debitament mibjugha u konsenjati lill-konvenuti kif jirrizulta minn prospett ezebit u mmarkat Dok. A.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta Rita Sant datata 11 ta` Lulju, 2008 li permezz taghha kkontestat t-talba attrici fil-konfront taghha ghal diversi ragunijiet cioe` 1) li hija ma ghandha ebda relazzjoni guridika u kwindi kellha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju; 2) Illi l-konvenut zewgha kien iddejjen ma` terzi minghajr il-kunsens taghha u li huma ilhom separati *de facto* sa minn Mejju, tas-sena 2003; 3) Illi bejn iz-zewg konvenuti hemm pendenti kawza ta` separazzjoni; u 4) saret rizerva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra li ghalkemm notifikat legalment il-konvenut Jesmond Sant baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut Jesmond Sant sabiex iwiegeb ghalihom bil-gurament tieghu u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili).

Ra illi ghalkemm notifikat legalment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-24 ta` Ottubru, 2008, meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu u lanqas ghas-seduta ta' llum, u kwindi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti ezebiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront tal-konvenut Jesmond Sant u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici fil-konfront dejjem ta` l-istess konvenut u kwindi jikkunsidra bhala ammessa t-talba attrici mill-konvenut Jesmond Sant u cioe` li huwa debitur taghha fl-ammont rikjest ta` Euro3,458.09c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz u bl-ispejjez relattivi ta` kontra l-istess konvenut Jesmond Sant.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------